# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## <u>DECIZJONI PRELIMINARI NRU 2783</u>

**Kaz Numru 4002/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joseph Spiteri (K.I. 682562M)**

**u**

**Tlata Limited C16319**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 1 ta' Dicembru, 2021**

Illi l-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni lir-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja fl-1 t'Ottubru, 2021, fejn fiha l-Appellant spjega li huwa kien jahdem mas-socjeta' ntimata fuq bazi ta' kuntratt indefinit u dan sa minn Marzu 2020. Spjega wkoll illi f'Mejju ta' l-istess sena kien involut f'incident waqt il-qadi ta' dmirijietu fejn kien qed juza trakk propjeta' ta' l-istess socjeta' ntimata. Huwa sostna li f'Gunju 2020 l-impjieg tieghu gie mitmum minghajr raguni gusta u minghajr pre-avviz.

Fl-ewwel seduta u cjoe' dik tas-17 ta' Novembru 2021, is-socjeta' ntimata ssollevat eccezzjoni preliminari fejn talbet li tigi eccepita n-nullita tal-proceduri odjerni stante illi mill-atti li s-socjeta' esponenti giet notifikata bihom ma gie prezentat l-ebda rikors u konsegwentament m'hemm ebda talba quddiem dan it-Tribunal izda semplicement giet prezentata dikjarazzjoni tal-kaz. Kompliet li din m'hijiex il-procedura idoneja u ma gie prezentat ebda rikors. Is-socjeta' esponenti titlob li l-istess proceduri jigu dikjarati nulli u monki.

It-Tribunal stharreg sew u bir-reqqa dovuta l-oggezzjoni u l-argumenti tas-socjeta' ntimata u dan ghamlu kemm ai termini ta' Art.175 (1) Kap.12 li jaghti l-fakolta li '……billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta'dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza'.

U anke ai termini ta' Art 78 (3) Kap 452 fejn jistipula li 'Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola maghmula jew li huma meqjusa li saru taht dan l-artikolu, t-Tribunal ghandu jirregola l-procedura tieghu stess. Tkun xi tkun il-procedura wzata, t-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, t-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak il-mod li jidhirlu xieraq'.

F'dan il-kuntest dan it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Appell Civili Nru 12/2006) Doreen Anastasi vs Gaming Operations Ltd. Casino di Bingo presjeduta mill-Onor. Imhallef Philip Sciberras fejn qal '… **in normattiva in kwestjoni ghandha l-iskop li tattribwixxi lill-impjegat rimedju illi fi zmien ta' erba' xhur mid-data tal-allegata tkeccija jgib il-quddiem il-kaz tieghu permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza. Xejn inqas u xejn aktar.'**.

Jaghmel ukoll referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali (STO Joseph Said Pullicino, Carmel Agius u Jospeh D Camilleri 30/4/2001) fil-kaz Goldvest Co.Ltd. vs Attorney General, fejn l-istess Qorti tghid car u tond illi '**mhux biss kien permess illi t-Tribunal jadegwa l-procedura ghac-cirkostanza, fid-diskrezzjoni tieghu, imma wkoll seta' jkun obbligat li hekk jaghmel fl-interess tal-Gustizzja biex jaghti opportunita' shiha ta' kontestazzjoni'.**

Fic-cirkostanzi u sabiex ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni ta' dan il-kaz in piena applikazzjoni tal-gustizzja naturali, jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata u sussegwentement jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**